MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## MARIA KARLSSON

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 1268/2010

**Mobisle Communications Limited (C 24655)**
**vs**
**Joseph Brincat (K.I. 21087M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici tablet hlas ta’ elf u hamsa u tmenin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€1085.85) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta’ attrici skont *Client Contract Number* 486013 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta’ attrici skont diversi kontijiet mibghuta lilu u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazjoni ta’ din il-kawza.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax ir-risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fit-28 ta' Frar, 2011 mill-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenut naqas jikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------